

Brussell, 7 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5061/22

CDR 2

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru, propost mill-Ungerija, fil-Kumitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 20[.]/...

ta'...

**li taħtar membru
propost mill-Ungerija,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ungeriż,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102¹ li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur János Ádám KARÁCSONY mill-mandat nazzjonali li abbażi tagħha ġie propost għall-ħatra tas-Sur János Ádám KARÁCSONY, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Ungeriż ippropona, abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, is-Sur János Ádám KARÁCSONY, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali (*Pest Megyei Közgylés tagja* - Membru tal-Kunsill tal-Kontea ta' Pest Megye), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur János Ádám KARÁCSONY, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettoralali, *Pest Megyei KözgyŒ lés tagja* (Membru tal-Kunsill tal-Kontea ta' Pest Megye) (bidla fil-mandat) huwa b'dan maħtur bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.01.2020, p. 2).

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
